

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-AWDITURI

**Sommarju tar-riżultati tal-awditi annwali tal-QEA li jirrigwardaw l-Aġenzi u l-korpi l-oħra tal-EU
għas-sena finanzjarja 2016**

(2017/C 417/01)

WERREJ

Paġna

| | |
|--|----|
| AKRONIMI TAL-AĠENZIJI U TAL-KORPI L-OĦRA TAL-UE | 3 |
| SOMMARJU EŻEKUTTIV | 5 |
| MIN AĦNA | 5 |
| X'AWDITJA JAJNA | 5 |
| Tipi differenti ta' aġenzi jiġi jinsabu fi Stati Membri differenti tal-UE | 5 |
| Il-baġits u l-finanzjament tal-Aġenzi – żidiet fl-oqsma ta' priorità u fl-importanza tal-awtofinanzjament | 7 |
| Żidiet fil-persunal fl-oqsma ta' priorità | 9 |
| Arranġamenti għall-awditjar | 9 |
| X'SIBNA | 10 |
| Opinjonijiet favorevoli tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall-aġenzi kollha | 10 |
| Opinjonijiet favorevoli tal-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-aġenzi kollha, ħliet għall-EASO | 10 |
| Kwistjonijiet ta' importanza spċċifika aċċennati mill-QEA | 10 |
| Sejbiet tal-awditjar oħra f'diversi oqsma | 11 |
| Riżorsi umani — kwistjoni ta' tħassib fxi każijiet | 11 |
| L-akkwist pubbliku jibqa' qasam suxxettibbli għal żbalji | 11 |
| Xenarju tal-IT divers fl-Aġenzi, minkejja li jwettqu attivitajiet li huma prinċipalment simili | 12 |
| Jeħtieġ li jsir titjib fil-konsulenza tal-IT u fil-ġestjoni tal-proġetti fl-EMA | 13 |
| Qed isir titjib fil-ġestjoni baġitarja, b'xi eċċeżżjonijiet | 14 |
| B'mod ġenerali, l-evalwazzjonijiet esterni huma pożittivi | 14 |

| | Paġna |
|--|-------|
| Ir-riżultati tal-awditjar tal-IAS jippermettulna niksbu stampa aktar komprensiva | 14 |
| Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, is-segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti jinsab qed jipprogressa kif mistenni | 14 |
| | |
| ANNESS I — Baġit u persunal tal-Aġenziji | 16 |
| ANNESS II — Kummenti li saru mill-QEA li ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tagħha | 19 |
| ANNESS III — Segwitu għall-kummenti miftuħa li ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-QEA | 22 |

AKRONIMI TAL-AĠENZIJI U TAL-KORPI L-OĦRA TAL-UE

| Akronimu | Isem sħiħ | Fejn jinsabu |
|----------|---|-----------------------------|
| ACER | Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija | Ljubljana, is-Slovenja |
| BEREC | Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi | Riga, il-Latvja |
| CdT | Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea | Lussemburgu, il-Lussemburgu |
| Cedefop | Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonal | Tessaloniki, il-Greċċa |
| CEPOL | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi | Budapest, l-Ungaria |
| CHAFEA | Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-İkel | Lussemburgu, il-Lussemburgu |
| CPVO | Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti | Angers, Franza |
| EACEA | Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura | Brussell, il-Belġju |
| EASA | Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni | Cologne, il-Ġermanja |
| EASME | Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji | Brussell, il-Belġju |
| EASO | Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil | Valletta, Malta |
| EBA | Awtorità Bankarja Ewropea | Londra, ir-Renju Unit |
| ECDC | Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard | Stokkolma, l-Iżvejja |
| ECHA | Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi | Helsinki, il-Finlandja |
| EEA | Aġenzija Ewropea għall-Ambjent | Copenhagen, id-Danimarka |
| EFCA | Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd | Vigo, Spanja |
| EFSA | Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-İkel | Parma, l-Italja |
| EIGE | Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi | Vilnius, il-Litwanja |
| EIOPA | Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensionijiet tax-Xogħol | Frankfurt, il-Ġermanja |
| EIT | Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija | Budapest, l-Ungaria |
| EMA | Aġenzija Ewropea għall-Mediċini | Londra, ir-Renju Unit |
| EMCDDA | Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga | Lisbona, il-Portugall |

| Akronimu | Isem shiħi | Fejn jinsabu |
|-----------|--|-----------------------------|
| EMSA | Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima | Lisbona, il-Portugall |
| ENISA | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni | Heraklion, il-Greċċa |
| ERA | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji | Valenciennes, Franza |
| ERCEA | Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka | Brussell, il-Belġju |
| ESMA | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq | Pariġi, Franza |
| ETF | Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ | Turin, l-Italja |
| EUIPO | Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea | Alicante, Spanja |
| eu-LISA | Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | Tallinn, l-Estonja |
| EU-OSHA | Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol | Bilbao, Spanja |
| Euratom | Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom | Lussemburgu, il-Lussemburgu |
| EUROFOUND | Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | Dublin, l-Irlanda |
| EUROJUST | L-Unità ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea | L-Aja, in-Netherlands |
| EUROPOL | Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija | L-Aja, in-Netherlands |
| FRA | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali | Vjenna, l-Awstrija |
| Frontex | Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta | Varsavja, il-Polonja |
| GSA | Aġenzija tal-GNSS Ewropea | Praga, ir-Repubblika Ċeka |
| INEA | Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks | Brussell, il-Belġju |
| REA | Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka | Brussell, il-Belġju |
| SRB | Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni | Brussell, il-Belġju |

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-QEA) awditjat il-kontijiet u t-tranżazzjonijiet ta' bażi ta' 41 korp, uffiċċju u aġenzijs (aġenzijs) tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016. Il-QEA ħarġet opinjonijiet mhux kwalifikati (favorevoli) tal-awditjar dwar il-kontijiet tal-aġenzijsi kollha u dwar it-tranżazzjonijiet ta' bażi għall-aġenzijsi kollha ħlief għal wħda (EASO).

Għalkemm il-kontijiet tal-aġenzijsi ppreżentaw stampa ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika tagħhom, u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet kienu legali u regolari fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, għad hemm lok għal titjib, kif ġie rrappurtat f'xi wħud mill-paragrafi ta' osservazzjonijiet u dwar kwistjonijiet oħra tal-QEA, kif ukoll fil-kummenti dwar is-sejbiet tal-awditjar li ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-awditjar.

Dan id-dokument jipprovdi sommarju tar-riżultati ta' dawn l-awditi. Huwa għandu l-għan li jiffaċilita l-analiżi u t-tqabbil tar-Rapporti Annwali Speċifiċi (RAS) tal-QEA għal dawn l-aġenzijsi. L-opinjonijiet u l-kummenti tal-QEA, kif ukoll ir-riposti għalihom, jistgħu jinstabu fir-RAS rispettivi. Dan is-sommarju mhuwiex rapport jew opinjoni tal-awditjar.

MIN AĦNA

Il-Qorti hija l-istituzzjoni tal-UE li tawditja l-finanzi tal-UE. Il-missjoni tal-Qorti hija li tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE, tippromwovi l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza, u tagħixxi bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni. Ir-rwl tal-Qorti bħala l-awditur indipendenti estern tal-UE huwa li tiċċekkja li l-fondi tal-UE jiġu kkontabilizzati b'mod korrett, li jingħabru u jintnefqu f'konformità mar-regoli u r-regolamenti rilevanti u li jkunu kisbu valur għall-flus. Fil-limiti ta' dan il-mandat il-Qorti teżamina, kull sena, il-kontijiet u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati, għall-istituzzjoni u l-aġenzijsi kollha tal-UE.

X'AWDITAJNA

Tipi differenti ta' aġenzijsi jinsabu fi Stati Membri differenti tal-UE

L-aġenzijsi huma entitajiet legali distinti stabbiliti permezz ta' att ta' leġiżlazzjoni sekondarja biex iwettqu kompiti tekniċi, xjentifiċi jew maniġerjali li jgħinu lill-istituzzjoni jiet tal-UE jfasslu u jimplimentaw il-politiki. Huma għandhom viżibbiltà għolja fl-Istati Membri u għandhom ukoll influwenza sinifikanti fuq it-tfassil ta' politiki u t-teħid ta' deċiżjonijiet kif ukoll fuq l-implementazzjoni ta' programmi foqsma ta' importanza kbira għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej, eż. is-saħħa, is-sikurezza, is-sigurtà, il-libertà u l-ġustizzja. Skont xi jkunu l-istruttura u l-kompli tagħhom, tista' ssir distinzjoni bejn aġenzijsi deċentralizzati, korpi oħra, u aġenzijsi eżekutti tal-Kummissjoni. F'dan is-sommarju, ir-referenzi għal aġenzijsi speċifiċi jsiru permezz tal-użu ta' abbreviazzjonijiet tal-ismijiet sħaħ tagħhom, liema abbreviazzjonijiet huma pprovduti fil-lista ta' akronimi fil-bidu tar-rapport.


It-32 aġenzijsa deċentralizzata għandhom rwol importanti fit-tħejjija u fl-implementazzjoni tal-politiki tal-UE, speċjalment għal kompiti ta' natura teknika, xjentifika, operazzjonali u/jew regolatorja. L-għan tagħhom huwa li jippermettu lill-Kummissjoni tikkonċentra fuq it-tfassil ta' politika u tirrinforza l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-gvernijiet nazzjonali billi jiġbru flimkien il-kompetenzi tekniċi u speċjalizzati miż-żewġ naħat. Aġenzijsi deċentralizzati jiġu stabiliti għal perjodu indefinit u jinsabu madwar l-UE (ara l-Figura 1).

It-tliet **korpi l-oħra huma l-EIT, il-Euratom u l-SRB**. L-EIT f'Budapest huwa korp indipendenti u deċentralizzat tal-UE li jiġbor flimkien riżorsi xjentifiki, kummerċiali u edukattivi biex jistimula l-kapaċitā ta' innovazzjoni tal-Unjoni. Il-Euratom fil-Lussemburgu nħoloq biex jappoġġa l-għanijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. L-SRB fi Brussels huwa l-awtorità ewlenija tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni fl-Unjoni Bankarja Ewropea. Il-missjoni tiegħu hija li jiżgura r-riżoluzzjoni ordnata ta' banek f'diffikultà, b'impatt kemm jista' jkun minimu fuq l-ekonomija reali u fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE u oħrajn.

Is-sitt **aġenziji eżekuttivi tal-Kummisjoni** huma fdati b'kompiti relatati mal-ġestjoni ta' wieħed jew aktar mill-programmi tal-Unjoni u huma stabbiliti għal perjodu ta' żmien determinat. Huma jinsabu fi Brussels (EACEA, EASME, ERCEA, INEA, REA) u fil-Lussemburgu (CHAFEA).

Figura 1

Fejn jinsabu l-Aġenziji fl-Istati Membri



Il-baġits u l-finanzjament tal-Aġenziji —żidiet fl-oqsma ta' priorità u fl-importanza tal-awtofinanzjament

Il-maġġoranza tal-aġenziji huma ffinanzjati kważi kompletament mill-baġit ġeneralni tal-UE, u xi wħud minnhom huma awtofinanzjati kompletament jew parzjalment (ara r-ripartizzjoni fit-Tabella 1). L-ERA se ssir awtofinanzjata parzjalment mhux aktar tard minn Ġunju 2019.

Tabella 1
It-tipi u l-finanzjament tal-aġenziji

| | Iffinanzjati minn | | |
|------------------------------------|---|-------------------------------|---|
| | Principalement mill-baġit ġeneralni tal-UE | Principalement awtofinanzjati | Bagħit tal-UE, kontribuzzjonijiet u jew tariffe mill-Istati Membri (awtofinanzjati parzjalment) |
| Aġenziji deċentralizzati | 24 | 2 CPVO, EUIPO | 6 EASA, EBA, ECHA, EIOPA, EMA, ESMA |
| Korpi oħra | 2 EIT, Euratom | 1 SRB | — |
| Aġenziji eżekutivi tal-Kummissjoni | 6 EACEA, REA, ERCEA, EASME, INEA, CHAFEA | — | — |

It-total tal-baġit għall-2016 tal-aġenziji kollha (minbarra l-SRB, bil-mandat u l-mekkaniżmu speċifiċi tiegħu), ammonta għal madwar EUR 3,4 biljun (2015: EUR 2,8 biljun) li huwa ekwivalenti għal madwar 2,4 % tal-baġit ġeneralni 2016 tal-UE (2015: 2,0 %). Din iż-żieda hija prinċipalment dovuta għall-aġenziji li jaħdmu fuq kwistjonijiet relatati mal-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (EUR 358 miljun addizzjonal) u mal-Libertajiet ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (EUR 174 miljun addizzjonal). Mill-baġit ta' EUR 3,4 biljun, madwar EUR 2,3 biljun ġew iffinanzjati mill-baġit ġeneralni tal-UE, filwaqt li madwar EUR 1 biljun ġew iffinanzjati minn tariffi u wkoll minn kontribuzzjonijiet diretti mill-Istati Membri, mill-pajjiżi tal-EFTA, eċċ.

Barra minn hekk, l-SRB, li ġie stabbilit bir-Regolament SRM li jappoġġa l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, ibbagħitja madwar EUR 11,8 miljun f'kontribuzzjonijiet minn Istituzzjonijiet ta' Kreditu sabiex sal-2023, jistabbilixxi bis-sħiħ il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Għalhekk, it-total tal-baġit għall-2016 tal-aġenziji kollha inkluż l-SRB ammonta għal madwar EUR 15,2 biljun. Dettalji dwar il-baġits individwali tal-aġenziji jingħataw fl-Anness I.

Figura 2

Is-sorsi ta' finanzjament tal-aġenziji għall-2016





Figura 3

Il-baġits tal-aġenziji f'miljuni ta' EUR



Żidet fil-persunal fl-oqsma ta' priorità

Fi tmiem l-2016, l-aġenziji kienu jimpiegaw 10 364 membru tal-persunal (2015: 9 848)⁽¹⁾,⁽²⁾. Bħal fis-sena preċedenti, l-akbar żieda fl-għadd ta' membri tal-persunal seħħet f-aġenziji li jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (110), il-Libertajiet Ċivilji, il-Ġustizzja u l-Intern (177) u l-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (85). Dettalji dwar l-għadd ta' membri tal-persunal tal-aġenziji individwali jingħataw fl-Anness I.

Arranġamenti għall-awditjar

L-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁽³⁾ jistabbilixxi li l-QEA trid teżamina l-kontijiet tal-aġenziji kollha stabbiliti mill-Unjoni sa fejn l-att kostitutiv rilevanti ma jipprekludix dan l-eżami. Għalhekk, aħna awditajna 41 aġenzija u hrīgna opinjonijiet dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016.

Il-qafas leġiżlattiv attwali jiddefinixxi l-arranġamenti għall-awditjar tal-kontijiet tal-aġenziji, kif inhu ppreżentat fit-Tabella 2.

Tabella 2

Arranġamenti għall-awditjar tal-kontijiet tal-aġenziji

| Aġenziji | Awditjati minn | |
|--------------------------|------------------|----------------------------|
| | Il-QEA | Ditta tal-awditjar u l-QEA |
| Aġenziji deċentralizzati | 2 | 30 |
| Korpi oħra | 1 ⁽¹⁾ | 2 |
| Aġenziji eżekuttivi | 6 | — |

⁽¹⁾ Minħabba r-riżorsi u l-operazzjonijiet limitati tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom, din tiġi awditjata mill-QEA biss.

Il-kontijiet annwali ta' 32 aġenzija ġew ivverifikati minn awdituri indipendenti esterni (ditti tal-awditjar) skont l-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE⁽⁴⁾ u l-Artikolu 107(1) tar-Regolament finanzjarju qafas għall-aġenziji⁽⁵⁾. Aħna eżaminajna x-xogħol tad-ditti tal-awditjar skont l-standards internazzjonali tal-awditjar. Dan l-eżaminar ipprova aċċertament adegwat biex nibbażaw l-opinjonijiet tal-awditjar propri tagħna fuq l-affidabbiltà tal-kontijiet bl-użu tax-xogħol tad-ditti tal-awditjar. Għad-disa' aġenziji li jifdal, l-affidabbiltà tal-kontijiet għiet awditjata minna biss. Bħal fis-snin preċedenti, il-QEA baqgħet esklusivament responsabbli għall-awditjar tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-aġenziji kollha.

Minbarra l-aġenziji awditjati mill-QEA, hemm tliet aġenziji relatati mad-difiża (l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istitut Ewropew għall-Istudji fuq is-Sigurtà, u ċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea) li jaqgħu taħt l-awtorità tal-Kunsill u li huma ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri. Dawn ma jiġux awditjati mill-QEA, iżda minn awdituri indipendenti esterni oħra. Fl-Analiżi Panoramika tagħna tal-2014⁽⁶⁾ dwar l-arranġamenti tal-UE fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar pubbliku, aħna sibna li ma kien hemm l-ebda raġuni konvinċenti għall-mandati tal-awditjar differenti għal dawn l-aġenziji.

⁽¹⁾ Il-persunal jinkludi uffiċjali, persunal temporanju u kuntrattwali kif ukoll esperti nazzjonali sekondati.

⁽²⁾ Iē-ċifri tal-persunal għall-2015 ġew aġġornati bbażat fuq id-data pprovduta mill-aġenziji.

⁽³⁾ ĠU C 326, 26.10.2012, p. 47.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

⁽⁵⁾ L-Artikolu 107 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

⁽⁶⁾ Analiżi Panoramika tal-QEA – Lakuni, duplikazzjonijiet u sfidi: analiżi panoramika tal-arranġamenti tal-UE fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar pubbliku

X'SIBNA***Opinjonijiet favorevoli tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall-aġenziji kollha***

Il-kontijiet finali tal-41 aġenċija kollha jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2016 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u l-flus tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti finanzjarji applikabbi u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-Ufficijal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjonijiet favorevoli tal-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-aġenziji kollha, ħlief għall-EASO

Aħna kkonkludejnej li għal 40 aġenċija, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016 kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Aħna hrīgna opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-EASO. Il-kwalifika tirreferi għal żewġ proċeduri ta' akkwist fejn ma kienx hemm konformità adegwata mal-prinċipi tal-akkwist pubbliku.

Kwistjonijiet ta' importanza speċifika aċċennati mill-QEA

Aħna hrīgna paragrafi ta' osservazzjonijiet⁽⁷⁾ għaż-żewġ aġenċiji li huma bbażati f'Londra, l-EBA u l-EMA, rigward id-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Il-kontijiet tal-EBA u tal-EMA u n-noti relatati kienu tħejjew fuq il-bażi tal-informazzjoni limitata li kienet disponibbli fid-data ta' meta dawn ġew iffirmati, u kienu għadhom ma jipprovdū stima affidabbli tal-ispejjeż futuri li jirriżultaw mill-waqfien tal-aktivitajiet fir-Renju Unit u mill-ispostament tagħhom għal postijiet oħra. Aħna rreferejna wkoll għar-riskju li jkun hemm tnaqqis fid-dħul wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, u r-riskju li l-ispostament ta' dawn l-aġenċiji jwassal għal telfien ta' għarfien espert, li min-naħa tiegħu jista' jkun ta' riskju għall-kontinwità tal-operat.

Aħna hrīgna seba' paragrafi dwar kwistjonijiet oħra⁽⁸⁾ li jirrigwardaw l-impatt li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jista' jkollu fuq id-dħul u l-aktivitajiet ta' bosta aġenċiji li mhumiex ibbażati f'Londra. Is-CPVO, l-EASA, l-ECHA, l-EIOPA, l-ESMA u l-EUPO jistgħu jiffaċċjaw tnaqqis fid-dħul b'rizzultat dirett tat-tnaqqis fl-aktivitajiet li jiġi generaw tariffi fir-Renju Unit. Il-GSA topera unitajiet tekniċi li jinsabu fir-Renju Unit, u li l-istatus ta' tagħhom għadu jrid jiġi ddeterminat.

Fil-każ tal-SRB, aħna hrīgna paragrafu ta' osservazzjonijiet dwar il-qafas ta' kontroll stabbilit għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet mill-Istittuzzjonijiet ta' Kreditu għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni. Aħna enfasizzajna li l-kontribuzzjonijiet għall-Fond jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Istittuzzjonijiet ta' Kreditu lill-Bord permezz tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali. Madankollu, ir-Regolament SRM ma jipprevedix qafas ta' kontroll, komprensiv u konsistenti, li jiżgura l-affidabbiltà ta' din l-informazzjoni. Barra minn hekk, aħna osservajna li l-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet u stabbilita fil-qafas legali hija kumplessa ħafna, li jirriżulta friskju għall-preċiżjoni. Minbarra dan, il-Bord ma jistax jirrilaxxa dettalji dwar il-kalkoli tal-kontribuzzjonijiet, li saritilhom valutazzjoni tar-riskju, għal kull Istittuzzjoni ta' Kreditu, billi dawn huma interkonnessi u jinkludu informazzjoni kufidenzjali dwar Istittuzzjonijiet ta' Kreditu oħra. Dan jaffettwa t-trasparenza ta' dawn il-kalkoli.

Aħna hrīgna wkoll paragrafi dwar kwistjonijiet oħra li jirrigwardaw id-dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist li twettqu mill-Entitajiet Ġuridiċi taċ-Ċentri ta' Għarfien u Innovazzjoni tal-EIT, u l-fatt li r-riżorsi umani tal-EIT huma limitati wisq biex jittrattaw il-volum akbar ta' xogħolhom.

Għas-CdT, aħna inkludejnejna paragrafu dwar kwistjonijiet oħra li jirrigwardaw il-fatt li bosta aġenċiji qed jagħmlu użu dejjem akbar minn soluzzjonijiet interni u soluzzjonijiet alternattivi oħra għat-traduzzjoni. Dan jimplika li l-kapaċċità tas-CdT mhijiex qed tintuża sal-massimu possibbli, u li qed ikun hemm duplikazzjoni tal-ispejjeż kemm għall-iżvilupp tas-sistemi kif ukoll għall-ispejjeż operazzjonal tat-traduzzjoni fil-livell Ewropew. L-użu akbar ta' soluzzjonijiet alternattivi għat-traduzzjoni mill-aġenċiji l-oħra jqiegħed friskju l-mudell kummerċjali tas-CdT.

⁽⁷⁾ Il-paragrafi ta' osservazzjonijiet jiġibdu l-attenzjoni għal kwistjonijiet importanti li huma fundamentali biex il-qarrejja jifhmu l-kontijiet.

⁽⁸⁾ Il-paragrafi dwar kwistjonijiet oħra jintużaw biex jiġi kkomunikati kwistjonijiet importanti minbarra dawk li jkunu ppreżentati jew iddivulgati fil-kontijiet annwali.

Sejbiет tal-awditjar oħra f'diversi oqsma

Aħna rrappurtajna wkoll total ta' 115-il sejba tal-awditjar, "kummenti" (2015: 90) li jaffettaw 34 aġenzija (2015: 37) biex naċċennaw kwistjonijiet ta' importanza u biex nindikaw li hemm lok għal titjib. Ħarsa ġenerali lejn il-kummenti li saru għal kull waħda mill-aġenziji tingħata fl-Anness II.

Riżorsi umani — kwistjoni ta' tħassib f'xi każijiet

Ir-reklutaġġ adegwat ta' persunal huwa element kruċjali għall-istabbiltà u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-aġenziji, u għall-kapaċità tagħhom biex jimplimentaw il-programmi ta' ħidma. Aħna sibna li seba' aġenziji kien affettwati minn problemi relatati mal-ġestjoni tar-riżorsi umani u kwistjonijiet oħra relatati mal-persunal, inklużi dawran frekwenti ħafna tal-persunal, nuqqasijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ u postijiet battala li kien okkupati minn persunal interim għal perjodu twil ta' żmien.

Tliet aġenziji (il-Frontex, is-CEPOL u l-BEREC) kellhom diffikultajiet biex isibu kandidati xierqa bil-profil meħtieġ, li huwa possibbil relataż mal-koeffċient ta' korrezzjoni tas-salarji li jiġi applikat għall-pajjiż ospitanti (66,7 %, 69 % u 76,5 % rispettivament). Fejn instabu kandidati xierqa, l-għadd ta' membri tal-persunal li setgħu jiġi rreklutati mill-pajjiż ospitanti kien sproporzjonatament oħla minn dak għal persunal minn Stati Membri oħra. Sabiex jattira l-kandidati, il-Frontex irreklu 14-il membru tal-persunal fi grad oħla milli seta' skont ir-Regolamenti tal-Persunal. Għaż-żewġ aġenziji l-oħra ġie osservat li kien hemm dawran frekwenti ħafna tal-persunal, li jista' jkollu impatt fuq il-kontinwitat tal-operat u fuq il-kapaċità tal-aġenziji biex jimplimentaw l-attivitàajiet ippjanati fil-programmi ta' ħidma tagħhom. Għas-CEPOL, raġuni possibbli oħra għad-diffikultajiet fir-reklutaġġ hija l-kompetizzjoni ma' korp ieħor tal-UE li jinsab f'Budapest (l-EIT).

Tliet Aġenziji (l-EMA, l-EIT, l-ECDC) kienu qed jiffaċċjaw sfidi relatati mal-organizzazzjoni. Mill-2014 'il hawn, l-EMA għaddiet minn żewġ riorganizzazzjonijiet kbar, inkluża r-riallokazzjoni interna ta' pożizzjonijiet maniġerjali fil-livell superjuri u dak intermedju. Ir-riallokazzjoni ta' persunal ewljeni fl-oqsma tal-IT u l-amministrazzjoni ma rnexxietx, u kkawżat riskju materjali ta' instabbiltà għall-Aġenzija u għall-operazzjonijiet tagħha. Id-Direttur tal-EIT inbidel erba' darbiet minn meta din l-aġenzija nħolqot fl-2008, sa Lulju 2014. Minn Awwissu 2014 'il hawn, il-pożizzjoni tad-Direttur imliet fuq bażi ad interim, kif ġara wkoll minn Frar 2013 'il hawn għal pożizzjoni maniġerjali oħra, sitwazzjoni li tmur kontra l-limitu massimu ta' sena ssettjat għal kollokamenti interim fir-Regolamenti tal-Persunal. Dan huwa l-kawża ta' inċertezza għall-partijiet interessati u jipperikola l-kontinwitat strateġika. Fl-ECDC, id-Direttur ad interim inħatar f'Mejju 2015 u kien għadu fl-istess kariga fil-31 ta' Diċembru 2016, biex b'hekk qabeż il-limitu massimu ta' sena. Din il-ħatra ad interim irriżultat ukoll fi 15-il arranġament ad interim addizzjonali għal persunal ieħor.

L-akkwist pubbliku jibqa' qasam suxxettibbli għal żbalji

L-objettiv li fuqu huwa bbażat l-akkwist pubbliku huwa li tiġi żgurata l-kompetizzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, biex tinkiseb l-offerta li tkun l-aktar ekonomikament vantaġġużha b'mod trasparenti, oġġettiv u konsistenti, u fuq il-bażi tal-qafas legali applikabbi. Fir-RAS għall-EASO, l-EMCDDA, l-eu-LISA, l-EMA u l-BEREC, aħna rrappurtajna li l-aġenziji ma kinu ikkonformaw bis-shiħi mal-prinċipji u r-regoli tal-akkwist pubbliku kif stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju. Il-kummenti jindirizzaw, principally, l-inkonsistenzi fid-dokumenti ta' sejħiet għall-offerti, in-nuqqas ta' konformità mal-kriterji ssettjati għall-għażla tal-operaturi ekonomiċi, in-nuqqas ta' proċeduri formali u n-nuqqas ta' awtorità ta' delega ċara għall-għoti u l-iffirmar tal-kuntratti.

Il-QEA apprezzat il-fatt li l-aġenziji kienu qed jagħmlu aktar użu minn kuntratti oqfsa (FWC) interistituzzjonali għall-akkwist ta' prodotti u servizzi, li wassal għal effiċjenza amministrattiva u ekonomiċi ta' skala. Madankollu, għal FWC interistituzzjonali partikolari li kien jirrigwarda softwer, u liċenzi u servizzi tal-IT, u li ġie ffirmat fl-2014 bejn kuntrattur wieħed u l-Kummissjoni fissem bosta Istituzzjonijiet aġenziji, l-implementazzjoni sussegwenti li saret minn mill-inqas tliet aġenziji (l-EMA, l-EEA, l-EASO) ma kinitx ottima. Il-kuntrattur jaġixxi bħala intermedjarju bejn l-Istituzjoni u l-aġenziji u l-fornituri potenzjalji li jistgħu jindirizzaw il-htigġiġiet tagħhom. Għal dawn is-servizzi intermedjarji, il-kuntrattur huwa intitolat li jaġpli żidiet ta' bejn 2 % u 9 % fuq il-prezzijiet tal-fornituri. Aħna osservajna li, għall-pagamenti awdiżjati taħt dan il-FWC, il-prezzijiet u ż-żidiet iddebitati mhux dejjem ġew iċċekkjati sistematikament mal-kwotazzjonijiet u mal-fatturi tal-fornituri, li l-implementazzjoni tal-FWC mhux dejjem żgurat kompetizzjoni suffiċjenti u, għalhekk, ma żgurax l-għażla tas-soluzzjoni l-aktar ekonomika.

Ġew irrapportati wkoll dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku relatati mal-kontrolli interni. F'ħames każijiet f'erba aġenziji (l-EASO, l-EIT, l-EMSA, l-EIGE) aħna sibna li l-kontrolli dgħajfa wasslu għal ineffiċjenzi, pereżempju minħabba htigġiġiet tal-akkwist li ma ġewx stmati b'mod suffiċjenti fi żmien il-proċeduri.

Għalkemm l-aspetti ta' prestazzjoni mhumiex il-fokus tal-awditi annwali li tal-aġenzi li nwettqu, l-awdituri tagħna huma mistennija joqgħodu attenti għar-riskji ta' prestazzjoni dgħajfa u għar-riskji relatati mal-ġestjoni finanzjarja. Fseba' każijiet f'sitt aġenzi (l-eu-LISA, il-Frontex, l-EU-OSHA, l-EEA, il-BEREC, l-EUIPO) aħna kkummentajna dwar arranġamenti ta' akkwist pubbliku mhux ottimi li qiegħdu frisku l-valur miżjud għall-flus, kif ukoll dwar dgħufijiet fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kuntratti.

Xenarju tal-IT divers fl-Aġenzi, minkejja li jwettqu attivitajiet li huma principally simili


L-aġenzi jwettqu firxa wiesgħa ta' attivitajiet operazzjonali, li jirrikjedu soluzzjonijiet tal-IT li jkunu adegwati u li kultant ikunu mfassla apposta għalihom. Madankollu, l-attivitajiet operazzjonali u amministrattivi ewlenin jiġu implementati fuq il-bażi tal-istess qafas legali, li jissuġġerixxi li għandhom proċessi simili li jistgħu jiġi appoġġati b'soluzzjonijiet tal-IT li jkunu simili. Filwaqt li l-aġenzi għamlu progress tajjeb ħafna fl-użu ta' sistemi konsabilistiċi u ta' ġestjoni tal-bagħi li huma simili, f'oqsma ewlenin oħra bħal fil-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-ġestjoni tal-akkwist/kuntratti għadhom jintużaw varjetajiet kbar ta' soluzzjonijiet tal-IT. Jenħtieġ li l-aġenzi jarmonizzaw aktar is-soluzzjonijiet tagħhom tal-IT f'dawn l-oqsma wkoll, billi dan mhux biss jirriżulta f'titjib tal-kosteffiċjenza, iżda jnaqqas ukoll ir-riskji ta' kontroll intern u jsahħħaq il-governanza tal-IT.

Bidliet pożittivi oħra li jistgħu jiġi imprezzjoni, l-istabbiliment ta' rappurtar lill-manigħment u rappurtar lill-partijiet interesserati li jkunu aktar armonizzati, u l-introduzzjoni ta' proċeduri tal-awditjar aktar awtomatizzati biex tiżid id-effiċjenza tal-awditjar. In-Network tal-Aġenzi tal-UE huwa impenjat biex ikompli jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-aġenzi u l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni dwar dawn il-kwistjonijiet u, fdak li jikkonċerna l-awditjar estern, il-kooperazzjoni mal-QEA wkoll.


Figura 4

Varjetà ta' soluzzjonijiet tal-IT fid-diversi aġenzi

Sistemi ta' ġestjoni tar-riżorsi umani



Sistemi ta' ġestjoni tal-akkwist/kuntratti



Jeħtieġ li jsir titjib fil-konsulenza tal-IT u fil-ġestjoni tal-proġetti fl-EMA

Minbarra x-xogħol standard tal-awditjar annwali li jkopri l-ägenziji kollha, aħna eżaminajna r-reklutaġġ ta' konsulent tal-IT fl-EMA, b'konnessjoni ma' żewġ proġetti kbar tal-IT (Farmakoviġilanza u Provi Kliniċi), li permezz tagħhom l-Aġenzijsa qed tindirizza obbligi leġiż-lattivi biex tistabbilixxi sistemi ta' netwerks pan-UE li huma kumplessi u li jirrikjedu żvilupp estensiv tal-IT. Billi ma kienx hemm żidiet fit-tabella tal-persunal tal-EMA biex jiġi ffaċilitat il-bini ta' għarfien espert intern fl-iżvilupp operazzjonali u tal-IT, hija kkummissjonat kumpaniji ta' konsulenza f'dawn l-oqsma, li għamilha dipendenti ħafna fuq għarfien espert estern.

Aħna sibna wkoll li qabel ma nbdew il-programmi, ma kienet ġiet stabbilita l-ebda metodoloġija adatta għal dawn il-proġetti kumplessi u fuq skala kbira, u dan seta' affettwa l-kapaċità tal-manigħ biex jissorvelja u jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-proġetti u li jiżgura l-koerenza tagħhom. L-EMA kompliet tiżviluppa metodoloġija adegwata, ur-raffinament l-aktar reċenti sar f'Settembru 2016.

Il-kapaċità tal-EMA biex tikkontrolla l-attività tal-konsulent tagħha u biex timmonitorja l-kwalità tat-twassil tal-proġetti kienet limitata wkoll, minħabba t-tip ta' kuntratti ta' konsulenza li ntużaw (kuntratti bbażati fuq il-ħin u l-mezzi) kif wkoll minħabba l-fatt li parti mill-proċess ta' konsulenza mhux qed jitwettaq fuq il-post u qed isir fi Stat Membru ieħor. L-EMA esperienzat dewnien kif ukoll spejjeż li dejjem kienu qed jogħlew fl-implimentazzjoni tal-proġetti. Bidliet frekwenti fl-ambitu, fil-baġit u fid-dati ta' skadensa tal-proġetti kienu principally dovuti għal rekwiżiti tas-sistemi li dejjem kienu qed jevolvu skont il-bidliet fil-ħtiġijet tal-Istati Membri. Għad ma hemmx ċertezza dwar l-ispejjeż finali u d-dati ta' meta s-sistemi tal-IT se jibdew jiffunzjonaw.

Fir-rigward tar-riżultati ta' dan l-awditu pilota tas-servizzi ta' konsulenza fl-EMA, il-QEA biħsiebha tagħmel użu tajjeb fil-futur mill-metodoloġija, l-għarfien u l-ispeċjalizzazzjoni avvanzati li akkwistat matul dan l-awditu, fejn ikun xieraq.

Qed isir titjib fil-ġestjoni baġitarja, b'xi eċċeżżjonijiet

L-għadd ta' kummenti li saru f'dan il-qasam naqas b'mod konsiderevoli fl-2016, iżda l-livell għoli ta' riporti ta' appoprjazzjonijiet baġitarji impenjati jibqgħu il-kumment l-aktar frekwenti fir-RAS, u għadhom jikkonċernaw 23 aġenziji. Madankollu, dawn ir-riporti normalment jiġu spjegati min-natura pluriennali tal-operazzjonijiet. Aħna stedinna lil bosta aġenziji biex iqisu l-possibbiltà li jintroduċu appoprjazzjonijiet baġitarji differenzjati. Din hija l-għodda pprovdu mir-Regolament Finanzjarju biex jiġu trattati sitwazzjonijiet bħal dawn.

1. Kanċellazzjonijiet ta' appoprjazzjonijiet baġitarji riportati mis-snin preċedenti, li jindikaw stimar eċċessiv tal-ħtiġijiet baġitarji u għaldaqstant dghħufija fl-ippjanar, ġew irrapprtati f'erba' każijiet (il-Frontex, is-CPVO, iċ-CHAFA, l-EASME).

B'rispons għall-kriżi tal-migrazzjoni li l-Unjoni qed tiffaċċja, il-kompli tal-Frontex u tal-EASO żdiedu b'mod konsiderevoli. B'konsegwenza ta' dan, il-baġits finali tal-EASO u tal-Frontex għall-2016 kienu tliet darbiet u 75 % oħla, rispettivament, meta mqabbla mas-sena preċedenti. Iż-żewwg aġenziji kellhom jiffaċċjaw sfidi amministrattivi u operazzjonali konsiderevoli, kif ukoll aspettattivi għolja biex iwasslu riżultati immedjatament, mingħajr ma kellhom biżżejjed żmien biex jadattaw is-sistemi u l-proċeduri u biex jirreklutaw il-persunal meħtieġ. Konsegwentement, huma ffaċċjaw problemi fl-assorbiment tal-fondi addizzjonali matul is-sena baġitarja, li wassal għal kanċellazzjonijiet konsiderevoli (il-Frontex) jew livelli għoljin ta' riporti (l-EASO) tal-fondi. Din kienet waħda mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli baġitarji u tal-akkwist pubbliku f'diversi każijiet, u għad-diffi kultajiet fl-implimentazzjoni ottima tal-ftehimiet ta' għotja mal-Kummissjoni jew mal-benefiċjarji.

B'mod ġenerali, l-evalwazzjonijiet esterni huma pożittivi

F'sitt każijiet, aħna għamilna referenza espliċita, għall-ewwel darba, għall-eżiżtu tal-evalwazzjonijiet esterni li saru fir-rigward tal-attivitàjet u l-prestazzjoni ġenerali tal-aġenziji. Ingħerali, ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet kienu pożittivi, u l-aġenziji ħejjew pjaniżiet ta' azzjoni biex jagħtu segwit u għall-kwistjonijiet li tqajmu fir-rapporti ta' evalwazzjoni. Filwaqt li r-regolamenti fundaturi tal-biċċa l-kbira mill-aġenziji jipprevedu li ssir evalwazzjoni esterna perjodika (normalment kull erba' sa sitt snin), aħna sibna li r-regolamenti fundaturi ta' sitt aġenziji (l-EASO, l-eu-LISA, l-ETF, l-ENISA, l-EIGE, ir-REA) ma jinkludux dispożizzjoni bħal din, li hija kwistjoni li jaħtieġ tiġi indirizzata. Aħna rrappurtajna wkoll li r-regolament fundatur tal-EMA jeħtieġ li ssir evalwazzjoni esterna kull 10 snin, u dan huwa perjodu ta' żmien twil wisq biex jingħata feedback effettiv dwar il-prestazzjoni lill-partijiet interessati.


Ir-riżultati tal-awditjar tal-IAS jippermettulna niksbu stampa aktar komprensiva

Għall-2016, aħna rreferejna għall-ewwel darba għall-konklużjonijiet tal-awditjar stabbiliti mis-Servizz tal-Auditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS), sabiex nipprovdu stampa aktar komprensiva tar-riżultati tal-awditjar. B'kollox, irreferejna għal 14-il rapport tal-awditjar tal-IAS. Fil-każijiet kollha, l-aġenziji kienu qablu mal-IAS dwar pjaniżiet biex tittieħed azzjoni korrettiva.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, is-segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti qed jipprogressa kif mistenni

Fejn kien applikabbli, aħna pprovdejna rapport ta' progress dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li tieħdu mill-aġenziji b'rispons għall-kummenti mis-snin preċedenti. L-Anness III juri li għal 140 kumment li kienu miftuħa fi tmiem l-2015 (2014: 134), l-azzjoni korrettiva ġiet, jew kienet qed tiġi implimentata fil-biċċa l-kbira mill-każijiet.

Figura 5

Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Baġit u persunal tal-Aġenziji⁽¹⁾

| | Kumitat Permanenti tal-PE | DG principal | Qasam ta' Politika | Baġit ⁽¹⁾ | | Persunal ⁽²⁾ | |
|---------------------------------|--|-------------------|---------------------------------------|----------------------|----------------------|-------------------------|------|
| | | | | 2015 (miljun EUR) | 2016 (miljun EUR) | 2015 | 2016 |
| Aġenziji Deċentralizzati | | | | | | | |
| eu-LISA | Libertajiet Ċivil, il-Ġustizzja u l-Intern | HOME | Affarijet Interni | 71,7 | 82,3 | 134 | 144 |
| EASO | HOME | Affarijet Interni | 15,9 | 53,0 | 93 | 125 | |
| FRONTEX | HOME | Affarijet Interni | 143,3 | 251,0 | 309 | 365 | |
| EMCDDA | HOME | Affarijet Interni | 18,5 | 15,4 | 100 | 101 | |
| EUROPOL | HOME | Affarijet Interni | 95,0 | 104,0 | 666 | 737 | |
| FRA | JUST | Ġustizzja | 21,6 | 21,6 | 107 | 105 | |
| CEPOL | HOME | Affarijet Interni | 8,8 | 10,3 | 41 | 51 | |
| EUROJUST | JUST | Ġustizzja | 33,8 | 43,5 | 246 | 245 | |
| EBA | Affarijet Ekonomiki u Monetarji | FISMA | Servizzi Finanzjarji u Swieq Kapitali | 33,4 | 36,5 | 156 | 161 |
| EIOPA | | FISMA | Servizzi Finanzjarji u Swieq Kapitali | 20,2 | 21,8 | 133 | 139 |
| ESMA | | FISMA | Servizzi Finanzjarji u Swieq Kapitali | 36,8 | 39,4 | 202 | 204 |
| SRB ⁽³⁾ | | FISMA | Servizzi Finanzjarji u Swieq Kapitali | 22,0 | 11 865 | 108 | 180 |

⁽¹⁾ Sors: Data pprovduta mill-aġenzijs

| | | | | | Baġit ⁽¹⁾ | Persunal ⁽²⁾ |
|------------------------|-------------------------------|--------------------------------|--------------------|-------|-----------------------|-------------------------|
| | | | | | 2015 (milijan EUR) | 2016 (milijan EUR) |
| EU-OSHA | Impiegji u Affarijiet Soċjali | DGC prinċipali | Qasam ta' Politika | | | |
| CEDEFOP | EMPL | Impiegji u Affarijiet Soċjali | | 16,9 | 16,7 | 65 |
| Eurofound | EAC | Edukazzjoni u Kultura | | 18,4 | 18,0 | 123 |
| ETIF | EMPL | Impiegji u Affarijiet Soċjali | | 21,2 | 20,8 | 111 |
| CDT | EAC | Edukazzjoni u Kultura | | 21,0 | 21,0 | 130 |
| ECDC | DGT | Servizzi Lingwistiċi | | 49,6 | 50,5 | 218 |
| ECHA | SANTE | Saħħa u Ħarsien tal-Konsumatur | | 58,5 | 58,2 | 260 |
| EEA | GROW | Intrapriża | | 114,8 | 110,1 | 572 |
| EFSA | ENV | Ambjent | | 49,2 | 50,5 | 219 |
| EMA | SANTE | Saħħa u Ħarsien tal-Konsumatur | | 78,8 | 79,5 | 434 |
| EFCA | SANTE | Saħħa u Ħarsien tal-Konsumatur | | 304,0 | 305,0 | 775 |
| CPVO | MARE | Affarijiet Marittimi u Sajid | | 9,2 | 10,0 | 64 |
| Euratom ⁽³⁾ | SANTE | Agrikultura u Żvilupp Rurali | | 14,7 | 16,1 | 44 |
| ACER | ENER & RTD | Enerġija u Innovazzjoni | | 0,1 | 0,1 | 17 |
| GSA | ENER | Enerġija | | 11,3 | 15,9 | 80 |
| EIT | GROW | Intrapriża | | 363,8 | 626,4 | 139 |
| ENISA | EAC | Innovazzjoni u Teknoloġija | | 232,0 | 283,0 | 50 |
| EUIPO | CNECT | Suq Uniku Diġitali | | 10,0 | 11,0 | 69 |
| BEREC | GROW | Suq Intern | | 384,2 | 421,3 | 848 |
| | CNECT | Suq Uniku Diġtali | | 4,0 | 4,2 | 26 |

| | | | | Baġit ⁽¹⁾ | Personnal ⁽²⁾ |
|--------------------------------------|---|---|--|----------------------|--------------------------|
| | | | | 2015 (miljan EUR) | 2016 (miljan EUR) |
| EASA | Kumilati Permanenti tal-PE | DĠ prinċipali | Qasam ta' Politika | | |
| EMSA | Trasport u Turiżmu | MOVE | Mobbilità u Trasport | 185,4 | 193,4 |
| ERA | | MOVE | Mobbilità u Trasport | 64,8 | 71,1 |
| EIGE | Drittijiet tan-Nisa u Ugwalanza bejn is-Sessi | JUST | Mobbilità u Trasport | 26,3 | 27,5 |
| | | | Ġustizzja | 7,9 | 7,8 |
| | | | | 42 | 45 |
| Aġenziji Esekutivi | | | | | |
| EACEA | | EAC & CNECT & HOME & ECHO | Edukazzjoni u Kultura | 46,9 | 49,1 |
| REA | | RTD & EAC & GROW & HOME & CNECT & AGRI | Riċerka u Innovazzjoni | 54,6 | 62,9 |
| ERCEA | | RTD | Riċerka u Innovazzjoni | 39,6 | 42,6 |
| EASME | | ENTR & RTD & ENR & ENV & CLIMA & CNECT & MARE | Enerġija, Intraprenditorija u Innovazzjoni | 36,4 | 35,8 |
| INEA | | MOVE & ENER & CNECT & RTD | Mobbilità u Trasport | 18,4 | 21,7 |
| CHAFEA | | SANTE & JUST & AGRICULTURE | Ħarsien tal-Konsumatur | 7,4 | 8,7 |
| Total | | | | 2 770,40 | 15 182,70 |
| Mingħajr il-“Baqit tal-Fond” tal-SRB | | | | 2 770,40 | 3 382,70 |
| | | | | 9 848 | 10 364 |

⁽¹⁾ Ieċċifri tal-baqit huma bbażati fuq l-appropriazzjoni jiet ta' pagament

⁽²⁾ Il-personal jinkludi uffiċjali, personal temporanju u kumtratwali u esperti nazzjonali sekondati

⁽³⁾ L-SRB u l-EURATOM mhumiex ikkonsolidati fil-kontijet tal-UE

Kummenti li saru mill-Qorti u li ma jixħtu x dubju fuq l-opinjonijiet tagħha

| Għadd To-tal-kummenti | Affidabbil-ta' kummenti | Legalità/Regolarità tat-tranazzjonijiet | | | Kontrolli interni | | | Għażiex bogħiġtarja | | | Għażiex Finanzjarja Soda / Prestazzjoni Ta' ja | | | Kummenti oħra |
|-----------------------|-------------------------|---|-----------------------|--------|--|-----------------|--------|-----------------------|---|--------|--|-----------------------|---|---------------|
| | | Reklutajġi, promozzjoni u salarji | Proċeduri ta' akkwist | Oħrajn | Monitoraġġi tal-implementazzjoni finanzjarja ta-kun-tratti | Sejbiet tal-IAS | Oħrajn | Proċeduri ta' akkwist | L-ebda rekwiżit effettiv għall-evalwazzjoni esterna | Oħrajn | Għażiex tar-riżorsi umani | Proċeduri ta' akkwist | L-ebda rekwiżit effettiv għall-evalwazzjoni esterna | |
| 15 | ETF | 2 | | | | | | | 1 | | | | | 1 |
| 16 | EU-OSHA | 3 | | | | | | | 1 | | | | | 1 |
| 17 | EUROFOUND | 4 | | 1 | | | | 1 | 1 | | | | | 1 |
| 18 | ECDC | 3 | | 1 | | | | 1 | 1 | | | | | |
| 19 | ECHA | 3 | | | | | | 1 | 1 | | | | | 1 |
| 20 | EEA | 3 | | | | | | 1 | 1 | | | | | 1 |
| 21 | EFSA | 1 | | | | | | 1 | | | | | | |
| 22 | EMA | 8 | 1 | 1 | | | 1 | | | 1 | | 3 | 1 | |
| 23 | EFCA | 0 | | | | | | | | | | | | |
| 24 | ACER | 2 | | | | | | 1 | 1 | | | | | |
| 25 | BERREC | 5 | 1 | 1 | | | | | | 1 | | 1 | 1 | |
| 26 | CPVO | 3 | | | | | | | 1 | 1 | | | 1 | |
| 27 | EIT | 7 | | | | | 1 | | 1 | 1 | | | 2 | 1 |
| 28 | ENISA | 3 | | | | | | | 1 | | 1 | 1 | | 1 |
| 29 | EUIPO | 3 | | | | | | | | 1 | 1 | | | |
| 30 | EURATOM | 0 | | | | | | | | 1 | 1 | | | |
| 31 | GSA | 3 | | | | | | | | 1 | 1 | | | 1 |

| | Għadd To-tali u kummenti | Legalità/Regolarità tat-tranzazzonijiet | | | Kontrolli interni | | | Għażiex bogħiġtarja | | | Għażiex Finanzjarja Soda / Prestazzjoni Ta' ja | | | Kummenti oħra | | |
|----|----------------------------|---|-------------------------------|---------------------------------------|-----------------------|---------|---|---------------------|---------|-----------------------|--|---------|--|-------------------------------------|--------|----|
| | | Affidabbil-ta' kummenti | Affidabbil-ta' tal-kon-tijiet | Reklutaġġi, promoz-żonijiet u salarji | Proċeduri ta' akkwist | Oħrajin | Monito-raġġi implementazzjoni finanzjarja ta-kun-tratti | Sejbiet tal-IAS | Oħrajin | Proċeduri ta' akkwist | Għażiex tar-riżorsi umani | Oħrajin | L-ebda rekwiżit effettiv għall-evalwazzjonijiet ester-na | Kwistion-i-jiet relatati ma-persuna | Oħrajn | |
| 32 | EASA | 2 | | | 1 | | | | | | | | | | | 1 |
| 33 | EMSA | 1 | | | 1 | | | | | | | | | | | |
| 34 | ERA | 0 | | | | | | | | | | | | | | |
| 35 | EIGE | 4 | | | 2 | | | | | 1 | | | | | | 1 |
| | Aġenziji eżek-kutti | | | | | | | | | | | | | | | |
| 36 | CHAFEA | 2 | | | | | | | | 1 | 1 | | | | | |
| 37 | EACEA | 2 | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | |
| 38 | EASME | 2 | | | | | | | | 1 | 1 | | | | | |
| 39 | ERCEA | 3 | | | | | | | 1 | 1 | 1 | | | | | |
| 40 | INEA | 1 | | | | | | | | 1 | | | | | | |
| 41 | REA | 3 | | | | | | | | 2 | | | | | | 1 |
| | Subtotal: | 115 | 2 | 5 | 4 | 2 | 5 | 2 | 7 | 14 | 23 | 4 | 5 | 7 | 2 | 6 |
| | Total: | | | | 11 | | | | | 28 | | 32 | | | 24 | 18 |

Segwitu għall-kummenti miftuħa li ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti

ANNEX III

| <i>Aġenziji Deċentralizzati</i> | Total | Ikkompletati | Għadhom għaddejji | Pendenti | L-ebda azzjoni meħtieġa |
|---------------------------------|-------|--------------|-------------------|----------|-------------------------|
| 1 FRONTEX | 11 | 2 | 7 | 1 | 1 |
| 2 EUROPOL | 2 | 1 | | | 1 |
| 3 eu-LISA | 7 | 1 | 2 | 2 | |
| 4 EASO | 9 | 3 | 3 | 2 | |
| 5 EUROJUST | 2 | | 1 | 1 | |
| 6 EMCDDA | 1 | | 1 | | |
| 7 FRA | 1 | | | | 1 |
| 8 CEPOL | 2 | 1 | | | |
| 9 EBA | 3 | | 1 | | 2 |
| 10 EIOPA | 2 | 1 | | | 1 |
| 11 ESMA | 6 | 4 | | | 2 |
| 12 SRB | 5 | | | 1 | 4 |
| 13 EU-OOSHA | 2 | | | | 2 |

| | | Total | Ikkompletat | Għadhom għaddejji | Pendenti | L-ebda azzjoni meħtieġa |
|----|-----------|-------|-------------|-------------------|----------|-------------------------|
| 14 | Cedefop | 2 | 1 | | | 1 |
| 15 | Eurofound | 1 | | | | 1 |
| 16 | ETF | 1 | 1 | | | |
| 17 | CDT | 5 | | 1 | | 4 |
| 18 | ECDC | 4 | | 1 | | 3 |
| 19 | ECHA | 3 | 1 | 1 | | 1 |
| 20 | EEA | 4 | 4 | | | |
| 21 | EFSA | 2 | 1 | 1 | | |
| 22 | EMA | 4 | 1 | 3 | | |
| 23 | EFCA | 1 | 1 | | | |
| 24 | CPVO | 6 | | 3 | 1 | 2 |
| 25 | ACER | 2 | | | 1 | 1 |
| 26 | GSA | 7 | 1 | 5 | | 1 |
| 27 | ENISA | 2 | | 1 | | 1 |
| 28 | EUIPO | 6 | 5 | | | 1 |
| 29 | BEREC | 4 | 2 | | 1 | |
| 30 | EASA | 2 | 1 | | | 1 |

| | | Total | Ikkompletat | Għadhom għaddejji | Pendenti | L-ebda azzjoni meħtieġa |
|---------------------------|--------------|------------|-------------|-------------------|-----------|-------------------------|
| 31 | EMSA | 0 | | | | |
| 32 | ERA | 2 | 1 | 1 | | |
| 33 | EIGE | 1 | | | | 1 |
| Aġenziji Eżekutivi | | | | | | |
| 34 | EACEA | 1 | | | | 1 |
| 35 | REA | 0 | | | | |
| 36 | ERCEA | 1 | | | | 1 |
| 37 | EASME | 4 | 1 | | | 3 |
| 38 | INEA | 1 | | | | 1 |
| 39 | CHAFEA | 3 | | | 1 | 2 |
| Korpi Oħra | | | | | | |
| 40 | EIT | 17 | 2 | 10 | 2 | 3 |
| 41 | EURATOM | 1 | | | | 1 |
| | Total | 140 | 36 | 44 | 10 | 50 |